MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2021

Appell Inferjuri Numru 475/2018/1 LM

**Resource Support and Services Ltd. (C 32346)**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Lawrence Attard Bezzina**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Resource Support and Services Ltd.**, hawnhekk "l-appellanta", minn deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar (minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), tad-9 ta' Lulju, 2020 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li jilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti filwaq li ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, hawnhekk "l-appellat", **Lawrence Attard Bezzina**, u għalhekk ordna lill-intimat

iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €3,573.51, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-ħlas effettiv. Fir-rigward tal-kontrotalba tal-intimat, it-Tribunal iddeċieda li għandu jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata u jilqa' l-kontrotalba tal-intimat rikonvenzjonant, filwaqt li ordna lis-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata tħallas lill-intimat rikonvenzjonant is-somma ta' €3,749, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kontrotalba sad-data tal-ħlas effettiv. It-Tribunal iddeċieda wkoll li l-ispejjeż tat-talba promotriċi għandhom jitħallsu mill-intimat, filwaqt li l-ispejjeż relattivi għall-kontrotalba tal-intimat rikonvenzjonant għandhom jitħallsu kollha mis-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata.

**<u>Fatti</u>**

2. Fir-rikors promotur tagħha is-soċjetà rikorrenti allegat li l-intimat għandu jħallasha l-ammont ta' tlett elef, ħames mija u tlieta u sebgħin Euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3,573.51), għaliex fl-2016 l-intimat kien tħallas *higher grade allowance* ta' sena sħiħa, meta fil-fatt huwa kellu jirċievi l-*allowance pro rata,* peress li huwa kien irtira f'Lulju ta' dik is-sena. L-intimat jgħid li t-talba tas-soċjetà rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u li s-soċjetà rikorrenti, permezz ta' ittra bonarja bid-data tat-2 ta' Novembru, 2017, kif segwita b'ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2018, kienet qablet li kellu jsir '*set-off*' mal-ammont dovut lilu. L-intimat jgħid li fil-perijodu meta huwa kien impjegat bħala *Head of Revenue Section* fil-Qrati tal-Ġustizzja, l-ammont mitlub mis-soċjetà rikorrenti kien ilu dovut lilu għaliex l-intimat kien fi skala taċ-Ċivil li qatt ma tħallas għaliha.

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal li permezz tagħhom talbet li l-intimat jiġi kkundannat iħallasha lura s-somma ta' €3,573.51 rappreżentanti '*allowance* doppju illi huwa rċieva mingħand l-istess soċjetà rikorrenti b'mod żbaljat meta dan ma kienx dovut għall-perijodu bejn Jannar u Lulju 2016'. L-intimat laqa' għal din it-talba billi wieġeb li s-soċjetà rikorrenti kienet qablet li kellu jsir *set-off* ma' ammonti ulterjuri dovuti lilu għaliex l-intimat kien ilu jaħdem fi skala taċ-Ċivil li qatt ma tħallas għaliha bħala *Head of Revenue* fil-Qrati tal-Ġustizzja, u ressaq kontrotalba f'dan is-sens. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet li l-kontrotalba tal-intimat ma tistax tintlaqa' għaliex it-talba tiegħu hija preskritta, kif ukoll għaliex l-ebda ammont mhuwa dovut lill-intimat li tħallas a saldu kull ammont dovut lilu.

4. Fil-proċeduri quddiem it-Tribunal xehed **Rennie Grech**, *Senior Manager Corporate Services* mas-soċjetà rikorrenti, li spjega li l-intimat kien impjegat magħha sa Lulju 2016. Fl-2003 l-intimat kien ġie trasferit mill-impjieg li kellu mat-Tarzna għal mas-soċjetà rikorrenti, li hija kumpannija tal-Gvern. Ix-xhud qal li meta l-intimat beda jaħdem maċ-Ċivil, dan kien jintalab jagħmel xogħol li kien fi grad ogħla mill-grad tiegħu, u skont ftehim li kien ġie ffirmat fl-2003, kien intlaħaq qbil li ħaddiema li jagħmlu xogħol li mhux tal-grad tagħhom, jingħataw id-differenza fis-salarju. Qal ukoll li fl-2011, l-intimat beda jaħdem il-Qorti, u għal dan ix-xogħol kien jingħata *higher grade allowance* ta' skala 7, liema ħlas kien jingħata lilu perjodikament. Ix-xhud qal li f'Jannar tal-2016, il-Ministeru tal-Ġustizzja kien ħallas l-ammont kollu li kellu jingħata bħala

*allowance* lill-intimat, u dan il-ħlas kien ikopri sena sħiħa, imma l-intimat kien irtira mix-xogħol f'Lulju tal-istess sena. Ix-xhud spjega li kien hemm *overpayments* fuq numru ta' snin bejn l-2011 u l-2016, u l-ammont ta' *overpayments* għal dawn is-snin kien ta' €6,300. Qal ukoll li meta saret din il-komputazzjoni, kien ġie stabbilit li l-intimat kien ukoll *underpaid* l-ammont ta' €1,300, sabiex b'hekk kien hemm differenza ta' €4,500 bejn l-ammont li kellu jagħti l-intimat u l-ammont li kellu jirċievi. Ix-xhud spjega li fl-impjieg li kellu l-Qorti, l-intimat kien jagħmel xogħol li soltu jsir minn impjegati fi Skala 7 taċ-Ċivil, u dan wara li għal snin twal l-intimat kien jaħdem mat-Tarzna, u għalhekk kienet dovuta lilu *allowance* għar-responsabbilità li kien qiegħed jassumi fix-xogħol tiegħu l-Qorti. Ix-xhud spjega li l-ewwel kontestazzjoni mill-intimat saret fl-2016, għaliex dan allega li kien ħallas ammont ta' taxxa aktar milli kien dovut minnu, u x-xhud kien infurmah li din il-kwistjoni kellha tiġi riżolta mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Qal li meta l-intimat ġie ffaċċjat bil-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti, dan beda jikkontendi li fil-passat huwa kien *short-paid* għal numru ta' snin, u għalhekk ried li jagħmel *set-off* għall-bilanċ ta' dak li huwa jgħid li ma tħallasx lilu.

5. Il-partijiet ippreżentaw ukoll korrispondenza li għaddiet bejniethom u bejn diversi awtoritajiet fir-rigward ta' din il-pendenza. F'waħda mill-*emails* li l-intimat bagħat lit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tas-soċjetà rikorrenti, dan spjega s-sitwazzjoni tiegħu b'dan il-mod,

> *"Għamilt rendikont ta' kemm ġejt* short paid *fil-*Higher Grade Allowance *bejn ix-xogħol li kont u għadni nagħmel (ta'* Full-Maximum *ta'* Scale 7*) (ara l-*attachment *jekk jogħġbok), sabiex l-IPSL tagħmel l-aġġustament meħtieġ u nitħallas. Fil-*personal file *tiegħi suppost hemm korrispondenza li turi li mit-2006 'l hawn, dejjem*

> *ġejt posted f'postijiet ta' responsabbilità ta' din l-iskala* (maximum scale 7*) u f'każijiet anki għamilt* substitution *għal żmien mhux ħażin ta'* director.*"*

6. Fl-*affidavit* tiegħu l-intimat spjega li fis-sena 2003 huwa kien ġie ttrasferit mit-Tarzna ta' Malta għal ma' kumpannija tal-Gvern bl-isem Industrial Projects & Services Ltd (IPSL), li sussegwentement sar jisimha Resource Support & Services Limited (RSS Ltd) fl-2015. Qal li huwa u għadd ta' ħaddiema oħra li kienu jaħdmu mat-Tarzna, kellhom is-salarju tagħhom iffriżat għal perijodu ta' 10 snin, u hu ħadem mal-kumpannija IPSL Ltd u sussegwentement ma' RSS Ltd għal aktar minn 12-il sena. Qal li tul dan iż-żmien huwa ġie *seconded* ma' diversi dipartimenti u Ministeri tal-Gvern, u sa mill-bidu tal-ingaġġ tiegħu maċ-Ċivil, huwa dejjem ingħata responsabbiltajiet li kienu fi grad ogħla mis-salarju li kien qiegħed jirċievi. Semma kif fost ir-responsabbiltajiet li ġie fdat bihom kien hemm il-ħlas ta' diversi miljuni ta' Euro f'fondi tal-UE, ir-rappreżentanza ta' Malta f'diversi Kumitati Tekniċi tal-UE, kif ukoll kien in-*National Contact Point* għal Malta ta' diversi proġetti Ewropej. Qal li minħabba f'dawn ir-responsabbiltajiet huwa kien talab li jingħata *higher grade allowance,* u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kien qabel li hu għandu jingħata *allowance* tal-massimu ta' Skala 7 taċ-Ċivil sakemm jibqa' jagħmel xogħol simili. L-intimat qal li f'dan iż-żmien huwa kien talab ukoll għal *qualification allowance* minħabba l-kwalifiki li kellu. Qal li minkejja li kien hemm qbil li s-salarju tiegħu kellu jiżdied abbażi tal-massimu ta' skala 7, l-*allowance* qatt ma ngħatatlu sewwa, u ħafna drabi huwa kien jingħata *allowance* li ma kinitx tirrifletti l-ftehim milħuq, u huwa kien ilmenta dwar din is-sitwazzjoni mad-diversi *payroll officers* li kien jirrispondi għalihom. Kompla

jgħid li tul is-snin sarulu diversi wegħdi li s-sitwazzjoni tiegħu kienet ser titranġa, iżda huwa baqa' qatt ma tħallas ta' kollox. L-intimat spjega li meta rċieva l-ewwel salarju għas-sena 2016, huwa kien talab *breakdown* dwar dan il-ħlas lill-kumpannija li kienet timpjegah, għaliex ma setax jifhmu. Qal li hu kien ġie infurmat li kien hemm żball fl-ewwel salarju li tħallas, għaliex l-*allowance* dovuta sakemm huwa jilħaq l-età tal-irtirar f'Lulju tal-2016 kienet ingħatatlu f'daqqa, u kien irċieva wkoll xi flus mill-*Grievances Committee* minħabba li kien ingħata trasferiment politiku. Qal li din is-somma flus la kienet taxxabbli u lanqas kellha tidher fl-FS3 tal-aħħar tas-sena. Huwa ppreżenta rendikont tal-flus li qala' kemm dam impjegat il-Qorti, u spjega kemm tħallas inqas kif ukoll xi tħallas żejjed f'dan il-perijodu. Qal li kull darba li tħallas żejjed, huwa staqsa l-flus għal xiex kienu. Kompla jgħid li kien biss wara li rtira mix-xogħol li huwa kien kiteb dwar €1,550.49 taxxa żejda li nqatgħetlu mill-kumpannija għaliex sab li kien sar żball ieħor, u dak iż-żmien Rennie Grech kien infurmah li kien ġie stabbilit li kien sar *double payment,* għalkemm naqas milli jagħtih risposta dwar il-flus tal-*higher grade allowance* imħallsa nieqsa u dwar il-*qualification allowances.* B'riferiment għat-taxxa żejda li l-intimat qal li ħallas, is-Sur Grech kien infurmah li dan kien ilment li kellu jitressaq mad-Dipartiment tat-Taxxi, filwaqt li fir-rigward tal-*higher grade allowances* l-istess Grech kien qal lill-intimat li kellu jiġri wara flusu hu. L-intimat qal li sal-aħħar tal-2014, l-RSSL kellha tħallsu €5,553.71 f'*higher grade allowances* li huwa ma kienx tħallas, filwaqt li sal-2014 kienu dovuti €4,180 oħra lilu fi *qualification allowances.* Qal li sad-data tal-irtirar tiegħu f'Lulju tal-2016, il-*qualification allowances* dovuti lilu kienu jammontaw għal €4,781.67. L-intimat spjega li t-taxxa ma tinħadimx fuq bażi ta' sena, imma fuq bażi ta' kemm persuna

titħallas f'kull salarju li tirċievi, u fl-ewwel salarju tal-2016 inqatgħetlu taxxa wkoll fuq l-€2,000 kumpens li huwa rċieva minħabba f'vendikazzjoni politika li sofra. L-intimat ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li meta wieħed jikkonsidra kollox, huwa għandu jirċievi s-somma ta' €4,385.10 f'diversi *allowances* mhux imħallsa.

7. Waqt il-kontroeżami li sarlu, l-intimat ikkonferma li minkejja l-pretensjonijiet imressqa fil-kontrotalba tiegħu, huwa qatt ma ħa azzjoni kontra s-soċjetà rikorrenti, għaliex kien jibża' li jingħata trasferiment vendikattiv, għalkemm żied jgħid li huwa kien jiġbed l-attenzjoni tas-soċjetà rikorrenti dwar dan fuq bażi regolari. L-intimat ikkonferma li l-*allowance* li kellu jirċievi għas-sena 2016, is-sena meta rtira, ma kellhiex tingħatalu sħiħa għaliex huwa rtira f'nofs is-sena. Minkejja li waqt ix-xhieda tiegħu l-intimat insista li l-ammont li għandu jingħata komplessivament jammonta għal "*ten thousand, eight hundred, eighty-one euro u xi ħaġa cents*", l-avukat tiegħu speċifika li l-intimat kien qiegħed jirrimetti ruħu għall-ammont indikat minnu fil-kontrotalba jiġifieri €3,749.

8. Xhud ieħor li ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal kien **Dr Jeffrey Pullicino Orlando**, li spjega li l-intimat kien għamel żmien jaħdem mal-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija (MCST). Dan ix-xhud ikkonferma li sakemm l-intimat dam jaħdem mal-MCST, dan kellu *allowance* ta' €2,000 fis-sena, kif ukoll *monthly allowance* ta' €50 għall-użu tat-*telephone* ċellulari. Xehed ukoll **Joe Grillo**, li bejn l-2006 u l-2013 kien *Executive Chairman* tas-soċjetà rikorrenti, li qal li l-intimat kien jagħmel xogħol maniġerjali f'diversi

postijiet tax-xogħol fejn kien ikun allokat. Spjega li s-soċjetà rikorrenti kienet kumpannija li kienet tipprovdi ħaddiema lil diversi entitajiet governattivi skont il-ħtieġa, u x-xogħol tax-xhud kien li jieħu ħsieb jutilizza n-nies fuq il-kotba tal-kumpannija bl-aħjar mod. Żied jgħid li huwa seta' jafda fl-intimat biex jerfa' responsabbiltajiet u jagħmel xogħol li mhux kull ħaddiem ieħor kapaċi jagħmel. Ix-xhud qal li l-intimat ma kienx jingħata *performance allowance* b'rabta mal-prestazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, imma kellu *allowance* abbinata mal-fatt li huwa kien qiegħed jintalab jerfa' ċerti responsabbiltajiet fuq il-post tax-xogħol. Spjega li f'każ partikolari, kien hemm riskju li ser jintilfu miljuni ta' Euro f'fondi tal-Unjoni Ewropea, u huwa kien talab lill-intimat imur jaħdem f'dak il-post tax-xogħol partikolari għaliex kien jaf li dan kien bniedem kapaċi jidħol għal dik ir-responsabbilità.

9. L-intimat xehed ukoll li huwa beda jaħdem ġewwa l-Qorti f'Lulju tal-2011, u baqa' jaħdem hemm sakemm irtira. Qal li huwa dejjem żamm il-kariga ta' *Head of Revenue* li għandha salarju ekwivalenti għall-massimu ta' skala 7. Spjega li minkejja li huwa suppost li kellu jirċievi dan is-salarju, il-massimu ta' skala 7, huwa dejjem irċieva inqas minn dan l-ammont, u huwa qatt ma ngħata raġuni għad-diversi diskrepanzi li rriżultaw fis-salarju li kien jitħallas lilu. Qal li minkejja li huwa ilmenta diversi drabi dwar dawn id-diskrepanzi, qatt ma ngħata spjega, sakemm imbagħad meta huwa rtira, is-soċjetà rikorrenti ppretendiet ħlas lura tal-ammonti żejda li hija tgħid li tħallsu lilu. L-intimat qal li meta talab li jingħata aċċess għall-*file* personali tiegħu, huwa sab li kien hemm diversi dokumenti neqsin, dokumenti ta' terzi li ddaħħlu fil-*file* personali tiegħu, u meta ġibed l-attenzjoni dwar dan, kien ġie infurmat li kien

instab *file* personali ieħor tiegħu. L-intimat qal li meta huwa mar jaħdem mal-Fondazzjoni Temi Zammit (FTZ), il-kuntratt tiegħu kien jispeċifika li huwa kellu jieħu salarju ta' €2,400 kull 4 ġimgħat, imma huwa qatt ma tħallas dan is-salarju. Qal li għaż-żmien kollu li ħadem mal-FTZ, huwa rċieva €3,090.68 inqas f'salarji. Qal ukoll li fis-snin 2007, 2008 u 2009 huwa dejjem tħallas il-massimu ta' skala 7 taċ-Ċivil, u din l-*allowance* kienet parti mis-salarju tiegħu għal xi żmien. Qal ukoll li fiż-żmien meta huwa kien impjegat mal-Malta Council for Science and Technology, huwa kellu jieħu salarju li huwa ekwivalenti għall-massimu ta' skala 7, kif ukoll *allowance* ta' €2,000 fis-sena u €50 fix-xahar *mobile phone allowance.* Qal li fis-sena 2014, waqt li huwa kien impjegat tal-Qorti, huwa rċieva €1,850.99 anqas f'salarju bażiku li kien dovut lilu, fis-sena 2015 irċieva €1,131.99 inqas f'salarju, filwaqt li fis-sena 2016 irċieva €407.65 inqas. Qal li huwa wasal għal din il-komputazzjoni billi naqqas is-salarju bażiku li l-kumpannija ddikjarat li kien dovut lilu, għal dak li huwa rċieva bħala salarju bażiku qabel ma żied it-*top-up allowance* ta' skala 7. Qal li b'hekk komplessivament mill-*allowance* li hija l-massimu ta' skala 7, huwa tħallas €2,697.11 inqas. Qal li jekk jgħodd ukoll il-*qualification allowance* li tħallas inqas, dawn jammontaw għal €7,475.78, u bejn l-2014 u l-2016 huwa tħallas €3,390.63 inqas fis-salarju bażiku dovut lilu. Qal li b'hekk it-total dovut lilu mis-soċjetà rikorrenti huwa ta' €10,866.74, u dan minkejja li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tinsisti li huwa tħallas aktar milli kellu jitħallas.

10. **Raymond Scicluna**, li kien Direttur, *Support Services* fil-Qorti, ikkonferma li l-konvenut kien il-persuna inkarigata mit-Taqsima tar-*Revenue* fil-Qorti, fejn kien jieħu ħsieb jiġbor flejjes dovuti lil din l-istituzzjoni mill-kawżi

Ċivili. Ix-xhud ikkonferma li l-meta l-intimat beda jaħdem il-Qorti, kienet inkisbet l-awtorizzazzjoni tas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien biex dan jingħata *top up allowance* fuq is-salarju tiegħu, sabiex fl-aħħar mill-aħħar is-salarju tiegħu jkun ekwivalenti għall-massimu ta' skala 7. Ix-xhud qal li l-arranġament kien li tingħata *allowance* sabiex is-salarju li jirċievu ħaddiema tas-soċjetà rikorrenti jilħqu s-salarji f'ċerti skali taċ-Ċivil. Ix-xhud ippreżenta xi korrispondenza, fejn f'waħda mill-*emails* mibgħuta mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, kien intqal illi,

> *"Therefore his total pay per annum is €130 more than the maximum of scale 7 which is €23,997.*
>
> *In the circumstances the allowance should be adjusted to €7,494 p.a. in order that Mr Attard Bezzina will receive a total annual pay equivalent to the maximum of Scale 7."*

## **<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

11. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fid-9 ta' Lulju, 2020, it-Tribunal iddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi stabbilixxa li kwantu għat-talba tar-rikorrenti, l-eċċezzjonijiet tal-intimat għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti għandhom jiġu milqugħa, u b'hekk ordna lill-intimat iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €3,573.51, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-ħlas effettiv; filwaqt li kwantu għall-kontrotalba, it-Tribunal iddeċieda li l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li t-talbiet tal-intimat

rikonvenzjonant għandhom jintlaqgħu, sabiex b'hekk ġie deċiż li s-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata għandha tħallas lill-intimat rikonvenzjonant l-ammont ta' €3,749, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kontrotalba sad-data tal-ħlas effettiv, u dan wara li t-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi fl-2003 il-konvenut li sa dakinhar kien jaħdem it-Tarzna, ġie trasferit għal mas-soċjetà IPSL, li llum saret is-soċjetà attriċi u beda jagħmel xogħlijiet varji li ġew assenjati lilu ma' entitajiet u ministeri tal-gvern.*
>
> *Illi fil-perijodu in kwestjoni, u ċioe bejn l-2014 u l-2016, kien jaħdem fir-Revenue Section tal-Qorti.*
>
> *Illi s-soċjetà attriċi tallega illi fil-bidu tal-2016 il-konvenut tħallas* allowance *iżjed milli kien ħaqqu jitħallas, u dan peress illi l-Qorti kien għaddielha l-*allowances *ta' sena sħiħa biex jitħallsu lill-konvenut, u s-soċjetà attriċi min-naħa tagħha għaddiethom lill-istess konvenut, li iżda kien ħaqqu jitħallas* pro rata, *għaliex kien ħa jirtira f'Lulju ta' dik l-istess sena. Dawn l-*allowances *kienu hekk qed jitħallsu għaliex kien hemm arranġament bejn is-soċjetà attriċi u l-Qorti, fis-sens li peress li l-konvenut kellu paga bażika għas-soċjetà attriċi li għaliha l-ħlas kien ferm inqas mill-kariga li kien attwalment jokkupa l-Qorti, id-differenza kienet qed titħallas permezz tal-imsemmija* allowances.
>
> *Illi l-konvenut meta mistoqsi direttament in kontro-eżami dwar dawn l-*allowances, *u jekk jikkonfermax li tħallas iżjed qal '*off hand *ma nafx. Wara erba' snin tippretendix li niftakar id-dettalji.' Fuq dan il-punt il-konvenut mhuwiex kredibbli. Il-konvenut ftakar dettali li jirrisalu għal snin ferm qabel u ġab rendikonti tad-dħul tas-snin ta' qabel, iżda għal din il-mistoqsija għażel li jwieġeb b'dan il-mod. Is-soċjetà attriċi min-naħa l-oħra irnexxielha tipprova illi fil-fatt dawn l-*allowances *tħallsu, u tħallsu żejda kif qed tindika hi. Jekk wieħed jara l-FS3 a fol. 26, li turi dak attwalment imħallas, u FS3 oħra li hija a fol. 35 li tindika dak li kellu effettivament jitħallas, tirriżulta differenza ta' tlett elef, disa' mija u sitt euro (€3,906) li addirittura hija iżjed minn dak li fil-fatt qed titlob is-soċjetà attriċi. It-Tribunal jagħmel referenza wkoll għal Dok. RG1 a fol. 25 tal-proċess minn fejn jirriżulta illi l-ħlasijiet żejda lill-attur saru verament. Għandu jingħad anzi illi anke mill-istess risposta li l-konvenut iressaq għall-kawża, jammetti indirettament illi dawn il-ħlasijiet huma dovuti, għaliex jgħid illi skont hu kellha ssir tpaċija bejn dak dovut minnu u dak dovut lilu.*

*Illi l-konvenut jipprova jinkludi fil-kwistjoni xi ħlasijiet oħra li jallega li huma dovuti lilu minn żminijiet oħra meta kien jaħdem ma' entitajiet oħra bħall-Fondazzjoni Sir Temi Zammit. It-Tribunal jirriżultalu però li dawn iż-żminijiet mhumiex rilevanti għall-kwistjoni quddiemu, u l-konvenut m'għamel l-ebda kontro-talba dwarhom, għaliex il-kontro-talba li għamel, u li ser titqies iktar 'l isfel, tirreferi wkoll limitatament għall-perijodu li fih kien jaħdem il-Qorti.*

*Illi għalhekk lit-Tribunal jirriżultalu illi s-somma li qed tirreklama s-soċjetà attriċi fil-fatt hija dovuta.*

***<u>Il-Kontro-Talba</u>***

*Il-konvenut rikonvenzjonant qed jitlob tlett elef, seba' mija u disgħa u erbgħin euro għal ammonti li kellu jitħallas waqt li kien jaħdem il-Qorti.*

*L-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonanti hija dik tal-preskrizzjoni. Ma ġiex indikat l-artikolu li a bażi tiegħu l-istess soċjetà qed teċċepixxi l-preskrizzjoni, u għalhekk it-Tribunal mhux ħa jqis din l-eċċezzjoni, għaliex it-Tribunal ma jistax jindaga huwa nnifsu dwar l-artikolu ta' preskrizzjoni li japplika għall-każ, u dan skont l-insenjament tal-qrati nostrani f'diversi sentenzi. Insibu fost oħrajn is-sentenza **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia,** li fiha ntqal:*

> *"Referibilment għall-gravamn imqanqal fir-rikors tal-appell mill-konvenut, jibda biex jiġi osservat illi skont l-Artikolu 2111 Kodiċi Ċivili 'Il-Qorti ma tistax* ex officio *tagħti effett għall-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata." Dan l-artikolu huwa ċar biżżejjed u l-interpretazzjoni dwaru hija din. Il-ġudikant ma jistax jirriċerka* d'ufficio *il-fatti kostituttivi ta' eċċezzjoni riservata mil-liġi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-ġudikant jassumi* d'ufficio *tali fatti fid-deċiżjoni tiegħu għall-fini li jiddikjara li l-preskrizzjoni tal-azzjoni jekk din ma tkunx ġiet espressament dedotta;*
>
> *Kif deċiż, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax teżamina jekk hijiex applikabbli xi dispożizzjoni oħra f'materja ta' preskrizzjoni għaliex ġie dejjem stabbilit fil-ġurisprudenza u del resto huwa konsentaneu għar-raġuni u għall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik għandha tiġi invokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u teżamina jekk hemmx xi preskrizzjoni li tista' tkun opponibbli peress li hija materja kollha ta' kuxjenza" –* ***Kollez. Vol. XXXIII P.I p. 481;***
>
> *Irid jingħad ukoll illi l-propożizzjoni ġenerika tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti interessata ma tawtorizzax lill-ġudikant biex jindividwa hu t-tip tal-*

> *preskrizzjoni li tgħodd għall-każ. Dan għaliex huwa l-parti li għandu l-oneru jagħżel liema waħda mill-varji ipotesijiet presunti mil-liġi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni speċifika l-eċċezzjoni nnifisha ma tistax ħlief tiġi ddikjarata inammissibbli. A propożitu anke f'dan il-kuntest ġie deċiż illi, "l-eċċepita preskrizzjoni biennali mhix indikata b'mod suffiċjentement ċar u speċifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben ħames inċiżi distinti jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet għal kollox differenti waħda mill-oħra" –* ***"Joseph Grech vs Emanuele Camilleri et"****, Appell Kummerċjali, 21 ta' Marzu 1977;*
>
> *Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni ċara u speċifika tal-preskrizzjoni, il-ġudikant ma jistax jieħu inizjattiva biex jissupplixxi hu n-nuqqas tal-parti. In bażi għall-konsiderazzjonijiet suddetti r-raġjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies ċensurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jiġi miċħud."*

*Illi stabbilit dan it-Tribunal sejjer jgħaddi għall-mertu proprju tal-kontro-talba.*

*Il-konvenut rikonovenzjonant jallega illi anke minn dak li xehed Raymond Scicluna, ex Direttur il-Qorti, il-paga bażika li kienet qed titqies u li kienet qed titħallas lill-konvenut kienet ferm inqas minn dik li suppost kellu jitħallas. Scicluna esebixxa tabella tal-iskali tal-ħlas tal-gvern. Ġie stabbilit illi l-konvenut mas-soċjetà attriċi kien fi Skala 10 Grad 4, u dan wara li fl-2014 l-iskali tal-gvern ġew japplikaw ukoll għas-soċjetà attriċi. Jekk wieħed jara d-differenza fil-paga bażika mħallsa lill-konvenut rikonvenzjonat u l-paga bażika effettivament dovuta skont it-tabella, jirriżulta illi verament il-konvenut kien verament qed jitħallas inqas. Il-konvenut jallega wkoll illi ma kienx qed jitħallas* qualification allowance *matul il-perijodu in kwistjoni, u fil-fatt lit-Tribunal dan irriżultalu wkoll. Irriżulta anzi illi dak dovut lill-konvenut jiżboq dak mitlub minnu fit-talba tiegħu, iżda t-Tribunal ħa jirrestrinġi s-sorte għal dak mitlub, u jirriżultalu illi l-konvenut tabilħaqq għandu jitħallas is-somma minnu reklamata.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi kwantu għat-talba promotriċi jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi, u jordna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef, ħames mija u tlieta u sebgħin euro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3,573.51), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kawża sal-ħlas effettiv; kwantu għall-kontro-talba, jiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà attriċi rikonvenzjonata u jilqa' t-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant, u jordna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tħallas lill-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' tlett elef, seba' mija u disgħa u erbgħin euro (€3,749), bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-kontro-talba sal-ħlas effettiv.*

*L-ispejjeż tat-talba promotriċi għandhom jitħallsu kollha mill-konvenut, filwaqt li l-ispejjeż relattivi għall-kontro-talba għandhom jitħallsu kollha mis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata."*

## L-Appell

12. Is-soċjetà appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fid-29 ta' Lulju, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tvarja s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar nhar id-9 ta' Lulju, 2020 fl-ismijiet* ***Resources Support and Services Ltd. (C32346) vs Lawrence Attard, Bezzina,*** *talba numru 475/18/CZ u li filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha t-Tribunal laqa' t-talbiet tas-soċjetà appellanta, tħassar, tikkanċella u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet il-kontro-talba tal-appellat u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta u fl-istess ħin tiċħad il-kontro-talba tal-appellat u tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà appellanta bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat."*

Is-soċjetà appellanta spjegat li hija tħoss ruħha aggravata għal żewġ raġunijiet ewlenin, l-ewwel nett għaliex hija ma taqbilx mat-Tribunal li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnha fir-rigward tal-kontrotalba tal-intimat kellha tiġi miċħuda. Barra minn hekk is-soċjetà appellanta tgħid li meta t-Tribunal ġie biex jikkonsidra l-kwistjoni fil-mertu, dan naqas milli jikkonsidra l-provi kollha prodotti minnha waqt it-trattazzjoni tat-talba tagħha.

13. Is-soċjetà appellanta tgħid li t-Tribunal ma kienx korrett meta ċaħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnha minħabba għaliex din naqset milli tikkwota l-artiklu relattiv tal-liġi li qed tibbaża ruħha fuqu. L-appellanta qalet li l-proċeduri quddiem it-Tribunal huma proċeduri differenti minn dawk

imressqa quddiem il-qrati ordinarji, u fil-proċeduri quddiem it-Tribunal wieħed ma jkunx jista' jiddefendi ruħu bl-aħjar mod għaliex it-talba quddiem it-Tribunal ma jkollhiex id-dettalji kollha li wieħed isib f'avviż ta' talba jew f'rikors ġuramentat, u għalhekk f'ċirkostanza bħal din, wieħed jista' jiżbalja meta jindika l-artikolu tal-liġi. Żiedet tgħid li mill-provi jistgħu jirriżultaw fatti li jkunu jimmeritaw li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni titressaq taħt artikolu ieħor tal-liġi, li ma jkunx dak indikat fl-eċċezzjonijiet. L-appellanta qalet li waqt it-trattazzjoni tal-kawża rriżulta li l-artikolu applikabbli għall-azzjoni kif żvolġiet huwa l-artikolu 2147 tal-Kap. 16, li jgħid li azzjonijiet bħal dawn, jiġifieri azzjonijiet għall-ħlas tas-salarji, jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sena. Spjegat li l-appellat ivvanta jedd ta' ħlas ta' paga li huwa jippretendi li kienet dovuta lilu mis-soċjetà appellanta, u fil-fatt huwa sostna li kellu jieħu s-somma indikata fil-kontrotalba bħala għax-xogħol tiegħu waqt li kien impjegat mas-soċjetà appellanta. Żiedet tgħid li mill-provi kellu jirriżulta li l-appellant kien jitħallas bix-xahar, u għalhekk it-talba tiegħu hija preskritta għaliex għaddiet aktar minn sena bejn meta spiċċa mill-impjieg sa meta għamel din il-kawża. Spjegat li l-pretensjoni tal-appellat hija għal ħlas għall-perijodu bejn l-2014 u l-2016, u l-kawża saret f'Ottubru tal-2018, filwaqt li l-kontrotalba tal-appellat saret aktar tard mar-risposta tiegħu. Barra minn hekk l-appellanta spjegat li filwaqt li hija bagħtet ittra uffiċjali lill-appellat fil-bidu tal-istess sena, dan min-naħa tiegħu bagħat biss risposta għal din l-ittra uffiċjali, fejn ma ressaqx talba għall-ħlas li jippretendi li huwa dovut lilu. Għaldaqstant, issostni s-soċjetà appellanta, ma kienx hemm talba speċifika permezz ta' att ġudizzjarju. Qalet li anki li kieku r-risposta kellha tiġi kkunsidrata valida biex tinterrompi l-preskrizzjoni, din saret tardivament għaliex saret wara l-għeluq ta' sena minn meta l-appellat spiċċa

mill-impjieg. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinġieb anki fi stadju ta' appell, din il-Qorti għandha takkolji l-eċċezzjoni tagħha li t-talba tal-appellat hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta qalet li dan l-aggravju huwa ffukat fuq dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal fejn laqa' l-kontrotalba tal-appellat. Is-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal dak li qal ir-rappreżentant tagħha u għad-dokumenti esebiti waqt it-trattazzjoni tat-talba, senjatament l-FS3s tal-appellat u dokumenti oħra li juru kemm kellu jitħallas persuna li kien impjegat mal-Gvern fi skala 7. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal irrefera biss għax-xhieda mogħtija mill-ex-Direttur tal-Qrati, u qalet li minkejja li dak li spjega s-Sur Scicluna u dak li xehed dwaru Rennie Grech huma l-istess ħaġa, għandu jirriżulta li s-soċjetà appellanta kienet qiegħda tħallas *top-up* biex l-appellat ikollu salarju fi skala 7 taċ-Ċivil. Qalet li din l-*allowance* kienet qiegħda tingħata għaliex minkejja li l-appellat ma kienx fi skala 7, dan kien jagħmel xogħol ta' xi ħadd f'dik l-iskala. Żiedet tgħid li Rennie Grech ippreżenta lista, sena b'sena, tal-ħlasijiet li kien qiegħed jirċievi l-appellat, fejn jirriżulta li l-appellant kien qiegħed jitħallas inqas u li għalhekk is-soċjetà appellanta ħallsitu d-differenza. Is-soċjetà appellanta qalet li bejnha u l-appellat ma kienx hemm kuntratt ieħor li permezz tiegħu l-appellat ingħata xi benefiċċji oħra li huwa ppretenda li kienu dovuti lilu, għalkemm minn qari tad-deċiżjoni appellata, jidher li t-Tribunal iddeċieda li l-appellat għandu jitħallas ukoll dawn il-flus. Qalet li minn imkien ma jirriżulta li impjegat taċ-Ċivil fi skala 7 għandu dritt għal *allowance* għall-kwalifiki li jkollu, filwaqt li għar-rigward tal-

impjieg li l-appellat kellu mal-MCST, is-soċjetà appellanta qalet li dan l-impjieg kien regolat b'kuntratt *ad hoc* u għalhekk dawk il-kundizzjonijiet m'għandhomx japplikaw għall-każ in diżamina. Qalet li bil-mod kif it-Tribunal iddeċieda l-kontrotalba, dan mar kontra d-dettami tal-ġustizzja naturali meta kkonsidra biss il-provi prodotti mill-appellat u naqas milli jikkonsidra l-provi prodotti minnha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

15. Fir-risposta tiegħu l-appellat eċċepixxa preliminarjament li s-soċjetà appellanta naqset li tinforma lit-Tribunal li kienet fi ħsiebha tappella mid-deċiżjoni mogħtija minnu. L-appellat qal ukoll li l-appell mhux integru għaliex hemm paġni nieqsa fir-rikors tal-appell li ġie nnotifikat bih, u żied jgħid li għalhekk huwa mhux f'pożizzjoni li jirrispondi għal kwalsiasi premessi u aggravji li setgħu ngħataw fl-appell. L-appellat spjega li huwa kien *Head of Revenue* fil-Qrati tal-Ġustizzja, u huwa minn jeddu kien informa lid-Dipartiment konċernat li kien irċieva ħlasijiet żejda, iżda kien informa lis-soċjetà appellanta wkoll li kien qiegħed jitħallas anqas milli suppost, kif ikkonfermat minn Ray Scicluna, ex-Direttur tal-Qrati, waqt ix-xhieda tiegħu. Qal li permezz tal-ittra uffiċjali numru 195/18, huwa interpella lis-soċjetà appellanta sabiex tkun riżolta din il-kwistjoni bejn il-partijiet, billi ssir tpaċija bejn l-ammont imħallas żejjed €3,573.51 u t-€3,749 li huwa qiegħed jippretendi li jitħallas permezz tal-kontrotalba tiegħu. Qal li fil-fatt id-deċiżjoni tat-Tribunal tirrifletti din it-talba tiegħu.

16. B'riferiment għall-aggravji speċifiċi sollevati mis-soċjetà appellanta, l-appellat qal li din qiegħda tinvoka l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16, meta dan is-sub-artikolu tal-liġi ma japplikax għas-sitwazzjoni odjerna. Qal li huwa kien ex-Kap tat-Taqsima tar-*Revenue* tal-Qrati tal-Ġustizzja, wieħed mill-pilastri li jifforma l-Istat Malti, filwaqt li l-artikolu ċċitat jirrigwarda azzjonijiet minn sefturi (*domestic servants),* li anke n-natura tax-xogħol tagħhom jippermetti sistema ta' *hire and fire,* u li huwa tip ta' xogħol li mhux kopert bil-Liġijiet tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali. L-appellat qal li t-Tribunal kien korrett meta fid-deċiżjoni tiegħu qies li t-Tribunal ma jistax ikun mistenni jindaga *ex officio* liema artikolu tal-Kodiċi Ċivili huwa applikabbli għall-preskrizzjoni sollevata. Qal li l-preskrizzjoni mhijiex rinunzjabbli minn ebda parti, u bl-istess mod ġudikant mhux mistenni li jissostitwixxi ruħu għan-nuqqas muri minn dik il-parti li tkun naqset li tikkwota l-artikolu relattiv tal-Kodiċi Ċivili. Kompla jgħid li huwa kien imħallas minn entità pubblika u ma kienx impjegat bil-ġurnata, bħal numru ta' ħaddiema li jaħdmu bis-sigħat, u għalhekk ċertament li għall-każ tiegħu ma japplikax l-artikolu 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili. L-appellat qal li hemm numru ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jispeċifikaw li min jiċċita l-preskrizzjoni irid jikkwota l-artikolu rilevanti taħt piena ta' nullità.

17. Dwar il-mertu, l-appellat qal li huwa kien imħallas inqas milli suppost, għaliex kien qiegħed jitħallas inqas minn ħaddiema fl-istess skala taċ-Ċivil. Qal li huwa ma kienx qiegħed jitħallas l-*qualification allowances* u kien għalhekk li l-kontrotalba tiegħu ġiet milqugħa. Żied jgħid li kieku s-soċjetà appellanta tat widen għall-ittra uffiċjali mibgħuta minnu, kif ukoll għall-korrispondenza

mibgħuta minnu, dawn il-proċeduri setgħu jiġu evitati, peress li huwa kien issuġġerixxa tpaċija mal-ammonti dovuti lilu, iżda huwa baqa' ma ngħata l-ebda risposta għal din il-proposta tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mis-soċjetà appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida t-Tribunal, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll inkonsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-appellat. Is-soċjetà appellanta fl-ewwel aggravju tagħha ssostni li t-Tribunal iddeċieda li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnha kellha tiġi miċħuda, ladarba ma speċifikatx l-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu hija kienet qiegħda ssostni li l-kontrotalba tal-appellat hija preskritta. Is-soċjetà appellanta fit-tieni aggravju tagħha tgħid li t-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-provi kollha prodotti minnha u kien għalhekk li wasal għall-konklużjoni li l-appellat għandu jirċievi l-ammont pretiż minnu.

*L-Ewwel Aggravju: il-kwistjoni tal-preskrizzjoni*

19. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata minnha ma kellhiex tiġi miċħuda mit-Tribunal, għaliex fil-proċeduri quddiem it-Tribunal wieħed ma jkunx jista' jiddefendi ruħu bl-aħjar mod għaliex it-talba quddiem it-Tribunal ma jkollhiex id-dettalji kollha li wieħed isib f'avviż ta' talba jew f'rikors ġuramentat, u għalhekk f'ċirkostanza bħal din, wieħed jista' jiżbalja meta jindika l-artikolu tal-liġi fl-eċċezzjonijiet. Is-soċjetà appellanta għalhekk

ippreċiżat li l-artikolu tal-liġi applikabbli għal dan il-każ huwa l-artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula preskrizzjoni ta' sena għas-sitwazzjonijiet hemm speċifikati, jiġifieri,

> "l-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni oħra mħallsin bix-xahar, tal-artiġjani jew tal-ħaddiema bil-ġurnata, għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi, tas-salarji, jew tal-fornituri li jkollhom jieħdu."

20. Is-soċjetà appellanta tgħid li ladarba l-appellat qiegħed jippretendi ħlas ta' salarju li jgħid li kien dovut lilu, u għaddiet aktar minn sena minn meta spiċċa mill-impjieg sa meta saret il-kawża, il-pretensjoni tiegħu hija preskritta bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-liġi. Tgħid li fil-kontrotalba tiegħu, l-appellat ippretenda ħlas għall-perijodu bejn l-2014 u l-2016, iżda l-pretensjonijiet tiegħu ressaqhom biss fil-kontrotalba li għamel mar-risposta għall-kawża li nfetħet minnha fl-2018. Żiedet tgħid li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem anke fl-istadju tal-appell, u għalhekk din l-eċċezzjoni għandha tintlaqa' minn din il-Qorti.

20. Min-naħa tiegħu l-appellat wieġeb li din l-eċċezzjoni partikolari ma tapplikax għas-sitwazzjoni odjerna, għaliex din id-dispożizzjoni tal-liġi hija maħsuba biex tirregola t-talbiet għall-ħlas tas-salarji dovuti lil ħaddiema li jaħdmu bil-ġurnata jew lil '*domestic workers',* filwaqt li huwa kien impjegat taċ-Ċivil li kien jagħmel xogħol ta' Kap tat-Taqsima li kien assenjat fiha. Dwar ir-raġuni għalfejn huwa ma istitwixxa ebda proċeduri jew intavola xi att ġudizzjarju sabiex jitħallas dak li huwa jippretendi li huwa dovut lilu, l-appellat spjega li tul il-ħajja tax-xogħol tiegħu huwa ġie ttrasferit mill-impjieg diversi drabi anki b'mod vendikattiv, u għalhekk huwa dejjem beża' jieħu azzjoni.

21. Il-Qorti hawnhekk sejra tagħmel riferiment għal għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna dwarl-istitut tal-preskrizzjoni. F'deċiżjoni fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited *vs.* Dismar Company Limited**[1], il-Qorti qalet:

> "Il-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubbju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, dak id-dubbju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni."

21. Dwar l-artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16 iċċitat mis-soċjetà appellanta, fis-sentenza fl-ismijiet **Vella et *vs.* Korporazzjoni Enemalta**[2], saru s-segwenti konsiderazzjonijiet, li din il-Qorti sejra tiċċita estensivament minħabba l-applikabilità tagħhom għall-proċeduri odjerni:

> "Dan il-provvediment mhu xejn għajr traduzzjoni mit-test oriġinali bit-Taljan tal-Artikolu 1911 tal-Ordinanza numru VII tal-1868 li kien jaqra:
>
> "*Le azioni dei domestici od altre persone stipendiate a mese, degli operati e dei giornalieri, pel pagamento delle loro giornate, dei loro salario o delle somministrazioni loro dovute.*"
>
> It-test Ingliż tal-istess Ordinanza jaqra:
>
> *"Actions of servants or other persons salaried by the month, of artificers, and day-labourers, for the payment of their wages, or their salaries, or the provisions due to them."*
>
> Il-Qorti għamlet dawn l-osservazzjonijiet:-
>
> (a) Hemm distinzjoni apparenti bejn it-test Malti u dak Ingliż in kwantu fit-test Malti jingħad, "**għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi**" filwaqt li fit-test Ingliż jingħad "for the payment of their wages";
>
> (b) Jidher li hemm lacuna in kwantu dan il-provvediment ma japplikax għal dawk il-persuni li għandhom is-salarji pagabbli mhux kull xahar. Dan ifisser li għal

[1] P.A. 12. 10. 2004.
[2] Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, 11.07.2008, li minnha ma kienx hemm appell.

dawn il-persuni japplika perijodu ta' preskrizzjoni itwal. Il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn m'għandux ikun hekk. Fil-kawża fl-ismijiet **Paul Degiorgio vs Vincent Muscat,** deċiża fit-8 ta' April 2002, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (AJM) l-attur kien jaħdem bħala chef u kien jitħallas kull ġimgħa. L-attur ħarrek lill-prinċipal tiegħu għall-ħlas tas-salarju. Il-Qorti kkonkludiet:

"Infatti l-artikolu 2147(ċ) fuq imsemmi jitkellem dwar persuni mħallsin bix-xahar, jew persuni ingaġġati bil-ġurnata għall-ħlas tal-ġranet tal-pagi. Fil-każ in eżami iżda jirriżulta li l-attur kien ingaġġat u jitħallas bil-ġimgħa u mhux bix-xahar u lanqas bil-ġurnata. Għalhekk il-preskrizzjoni sollevata mhux applikabbli għall-każ in eżami."

"Dejjem fil-kuntest ta' din l-osservazzjoni, il-Qorti għamlet footnote b'riferenza għal sentenza ta' din il-Qorti tat-30 ta' Ġunju, 1917 (konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1919 – Kollez. Vol. XXIII.I.7) fil-kawża **Paolo Gauci vs Filippo Camilleri ed altri,** fejn ingħad hekk-

*"Sull'eccezione della prescrizione, che non trattandosi di dimettere persone stipendiate a mese è inapplicabile la prescrizione contemplata nel 3 a linea dell'articolo 1911 dell'Ordinanza VII del 1868, e solo si potrebbe applicare la prescrizione di cinque anni, come fu ritenuto con diverse sentenze dei nostri tribunali tra cui quelle di questa Corte del 26 Gennaio 1882, nella causa Borg Preziosi (Collezione IX. 618), e del 28 Febbraio 1893 nella causa Azzopardi versus Dr. Preziosi (ibid. XIII.432)."*

Il-Qorti kompliet hekk –

"(ċ) Ċertament li wasal iż-żmien li dawn il-provvedimenti, li daħlu fis-seħħ permezz tal-Ordinanza numru VII tal-1868, jiġu riveduti u fejn hemm bżonn emendati sabiex jirriflettu ż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom. Il-Qorti mhi tara l-ebda raġuni għalfejn għandu jkun hemm distinzjoni bejn dawk imħallsin bix-xahar u ħaddiema oħra mħallsin aktar spiss.

(d) Il-fatt li fl-Artikolu 2147(ċ) tintuża l-kelma 'paga' u wkoll 'salarju', hemm distinzjoni fis-sinifikat tagħhom minkejja li fil-ħajja ta' kuljum dawn iż-żewġ termini jintużaw b'mod li huma kunsidrati li għandhom l-istess sinifikat. Il-Qorti taqbel li l-kelma "tal-ġranet tal-pagi" (fit-test Taljan *"pel pagamento delle loro giornate*") qiegħda tirreferi għal dawk il-ħaddiema li jaħdmu bil-ġurnata. F'dan il-kuntest issir riferenza għall-kawża fl-ismijiet **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Diċembru 1978.

M'hemmx dubju li l-atturi ma jikkwalifikawx bħala ħaddiema li jaħdmu bil-ġurnata.

(e) Fl-att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) l-Artikolu 2 jipprovdi li:

"Paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligħ, li jitħallsu minn prinċipal lil impjegat u tinkludi kull bonus li jitħallas skont l-artikolu 23 minħabba kull bonus jew allowance relatati mal-esekuzzjoni tax-xogħol jew mal-produzzjoni."

"Jidher li din il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn salarju u paga.

Il-Qorti għamlet riferenza għal xi ġurisprudenza sabiex tistabbilixxi liema ħlasijiet jikkwalifikaw bħala salarju. Fost is-sentenzi ċitati kien hemm **Paul Aquilina vs Victor Satariano noe**, li kienet deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Ġunju 1994 –

"fejn ġie spjegat li ħlas għal leave ma jaqax taħt il-kategorija ta' salarju (għalkemm is-sentenza kienet b'riferenza għall-Artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili) in kwantu l-Qorti kkonkludiet li m'hemmx ekwivalenza bejn salarju u d-dritt għal-leave.

Il-Qorti esprimiet ruħha hekk –

Il-Qorti hi wkoll tal-fehma li ż-żminijiet inbidlu fis-sens li meta dan il-provvediment oriġinarjament daħal fis-seħħ il-benefiċċji li jingħataw illum il-ġurnata lill-impjegati ma kinux jeżistu. Ma jagħmilx sens li ħlasijiet oħra li jiffurmaw parti mill-pakkett tas-salarju tal-impjegat ikun japplika għalihom peirjodu ta' preskrizzjoni ħafna iktar twil.

U kompliet –

"Tibqa' l-kwistjoni jekk l-atturi humiex imħallsin bix-xahar.

Il-fehma tagħha kienet illi –

Il-kelma 'xahar' għandha tfisser xahar skont il-kalendarju Gregorjan. B'analoġija tista' ssir referenza għall-Artikolu 103 tal-Kap. 12 li jipprovdi:- Fl-għadd taż-żmien, il-ġurnata tingħadd ta' erbgħa u għoxrin siegħa, ix-xahar u s-sena skont il-kalendarju.

"Jekk wieħed kellu japplika dan it-terminu ta' preskrizzjoni jkun ifisser li ma japplikax minn meta l-atturi bdew jitħallsu s-salarju kull erbgħa (4) ġimgħat, għaliex dan ma jikkwalifikax bħala xahar. Irid jingħad li l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva u għalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-

applikabilità taż-żmien preskrittiv, tali dubju għandu jmur kontra min ikun eċċepixxa l-preskrizzjoni.
F'dak il-każ, l-atturi kienu jokkupaw il-kariga ta' assistant manager u professional executive mal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti kompliet hekk-

"Madankollu l-Qorti tistqarr li kellha dubji serji, meħud in konsiderazzjoni l-grad li għandhom, kemm l-atturi jaqgħu taħt dan il-provvediment.

Il-**punt kruċjali** tas-sentenza kien dan li ġej:-

"**Fil-fehma tal-Qorti hu evidenti li s-salarju mhuwiex pattwit kull erbgħa (4) ġimgħat imma tant fis-sena. Il-fatt li imbagħad il-modalità tal-ħlas hi kull erbgħa (4) ġimgħat ... hi kwistjoni oħra. Il-Qorti hi tal-fehma li mhuwiex importanti kif is-salarju dovut lill-impjegat hu mqassam matul sena, ċioe l-frekwenza tal-ħlas. Interessanti kif fit-test oriġinali (Ordinanza numru VII tal-1868), il-kelma li intużat hi "stipendiati" (salaried bl-Ingliż). L-articolo 1912 (illum 2148) kien jaqra *"Di coloro che fossero stipendiati ad anno pel pagamento del loro salario."* Provvediment li sal-lum għadu ma ġiex emendat. Fil-fehma tal-Qorti hekk biss jistgħu jiġu interpretati l-provvedimenti rilevanti tal-preskrizzjoni qasira fir-rigward tas-salarju, sabiex jagħmlu sens. F'dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mal-fehma li esprimiet il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (GCD) fil-kawża Martin Abela vs Ramon Spiteri nomine deċiża fit-22 ta' Frar 2002 fis-sens li: "Kif juri s-seba' patt tal-ftehim, iżda, is-salarju tal-attur huwa stipulat b'tant fis-sena, mhux b'tant fix-xahar; il-preskrizzjoni taħt l-art. 2147(ċ) tal-Kodiċi Ċivili għalhekk ma tgħoddx għall-każ tal-attur, u l-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda." Tant hu hekk li kwalsiasi kalkoli li jkun hemm bżonn li jsiru, isiru fuq sena salarju.**

Il-Qorti għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni."

22. Jirriżulta fil-każ odjern li l-ammont pretiż mill-appellat fil-kontrotalba tiegħu huwa ammont li dwaru kien hemm ftehim "għal tant fis-sena", tant hu hekk li l-ammont li ppretendiet li titħallas lura s-soċjetà appellanta, huma flus li tħallsu żejda lill-appellat għaliex f'Jannar tal-2016, kien sar pagament tal-*higher grade allowance* għal sena sħiħa, minkejja li l-appellat irtira mill-impjieg f'Lulju tal-istess sena. Din il-Qorti taqbel mal-fehma espressa fis-sentenza

appena ċċitata, li ladarba l-ftehim dwar is-salarju tal-appellat kien ta' tant fis-sena, il-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2147(ċ) tal-Kap. 16 ma tapplikax għall-kwistjoni odjerna, għaliex din id-dispożizzjoni tal-liġi ma kinitx maħsuba biex tkopri din it-tip ta' sitwazzjoni. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *nuqqas ta' apprezzament tal-provi prodotti mis-soċjetà appellanta*

23. Is-soċjetà appellanta tgħid li l-provi mressqa minnha ma ġewx ikkunsidrati mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, u kien għalhekk li dan wasal għall-konklużjoni li l-kontrotalba tal-appellat kellha tiġi milqugħa. Is-soċjetà appellanta tgħid ukoll li minn imkien ma jirriżulta li persuna fi skala 7 taċ-Ċivil għandha jedd għal *qualification allowance* li qiegħed jippretendi l-appellat. Is-soċjetà appellanta qalet li ladarba t-Tribunal għażel li jinjora parti mill-provi prodotti minnha, dan mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

24. L-appellat laqa' għal dan billi qal li mill-provi rriżulta li huwa kien qiegħed jitħallas inqas minn ħaddiema oħra fl-istess skala taċ-Ċivil, u kien għalhekk li t-Tribunal laqa' l-kontrotalba tiegħu.

Il-Qorti kkonsidrat li fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni tat-Tribunal, it-Tribunal spjega li huwa qies il-provi kollha prodotti quddiemu, l-FS3s, l-iskedi bis-salarju li jitħallas kull grad taċ-Ċivil, kif ukoll ix-xhieda tad-diversi persuni li taw id-depożizzjoni tiegħu quddiemu. Minn imkien ma jirriżulta li t-Tribunal ikkonsidra biss parti mix-xhieda mogħtija quddiemu, jew li dan qagħad fuq dak

li xehdu persuni bħall-ex-direttur tal-Qorti Raymond Scicluna, filwaqt li injora għalkollox dak li qalu x-xhieda mressqa mis-soċjetà appellanta fil-proċeduri quddiemu. Mill-provi prodotti, partikolarment mill-iskambju tal-korrispondenza prodott, jirriżulta li għal bosta snin, li kieku l-appellat ma ngħatax il-*higher grade allowance,* dan kien ser jispiċċa f'sitwazzjoni fejn minkejja li huwa kien l-impjegat fl-aktar grad għoli u li ngħata l-akbar responsabbilità fir-Revenue Section tal-Qorti fejn kien impjegat, huwa kien ser jispiċċa b'salarju inqas minn ta' impjegati oħra. Barra minn hekk il-Qorti lanqas ma tista' tifhem x'argument ippruvat iġġib is-soċjetà appellanta, meta qalet li minn imkien ma jirriżulta li impjegat fi skala 7 taċ-Ċivil għandu jedd għal *qualification allowance.* Bl-istess argument, is-soċjetà appellanta ma ġabet l-ebda prova li persuna fil-grad tal-appellat ma kellha l-ebda jedd għal din *allowance*. Mill-provi li tressqu quddiem it-Tribunal, jirriżulta li għal diversi snin l-appellat kien meqjus li kien fi skala 10 (grad 4) tal-iskali taċ-Ċivil, minkejja li huwa kien fdat b'responsabbilità li soltu tinġarr minn persuni fi skala 7, u kien għalhekk li għal diversi snin ittieħdet id-deċiżjoni li huwa kellu jirċievi *higher grade allowance* b'żieda mas-salarju bażiku, sabiex ikun hemm parità ma' uffiċjali oħra li jagħmlu l-istess xogħol u li għandhom l-istess skala sostantiva taċ-Ċivil. Il-Qorti tqis li dak li qiegħda ssostni s-soċjetà appellanta m'għandux mis-sewwa, u l-fatt li t-Tribunal iddeċieda b'mod li forsi ma jogħġobx lis-soċjetà appellanta ma jfissirx li l-provi prodotti minnha ma ġewx ikkonsidrati mit-Tribunal meta dan ġie biex jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħad l-aggravji tas-soċjetà appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**